**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum l-Erbgha 20 ta' Gunju 2001**

**Numru** **10**
**Citaz Nru.** **516/94 FD**

**Albert Zerafa**
**Vs**
**Denise Zerafa**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjoni necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-konvenuta rrendiet ruhha hatja versu l-attur ta' eccessi u ingurji gravi, b'mod illi l-hajja matrimonjali bejn il-partijiet kontendenti saret impossibbli wara biss ftit xhur minn meta huma iccelebraw iz-zwieg taghhom;

Premess illi l-istess konvenuta pprezentat citazzjoni (numru 82/94 FD) li permezz taghha hija

qed tipprocedi ghas-separazzjoni personali minn zewgha l-attur, u dan wara li hija otteniet id-debita awtorizzazzjoni permezz ta' digriet tal-Qorti Civili, Sekond' Awla, tat-22 ta' Novembru, 1993;

Premess illi ghalhekk in forza ta' l-Artikolu 37(3) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16) l-attur qed iressaq din l-istanza ghas-separazzjoni personali minn martu l-konvenuta;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni *a mensa et thoro* bejn il-partijiet kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenuta;

2. Tawtorizza lill-attur sabiex ighix separatament mill-konvenuta;

3. Tapplika fil-konfront tal-konvenuta d-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 51 u 52 tal-Kodici Civili, u dan billi anke fic-cirkostanzi applikabbli tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuta ddekadiet mid-dritt taghha li tesigi l-manteniment minghand l-attur;

4. Taghti dawk il-provvedimenti kollha li jkunu opportuni fic-cirkostanzi ghar-rigward tal-kura u kustodja, kompriz l-access u t-trobbija tat-tifla minuri Marie Adrienne li ghandhom il-partijiet kontendenti;

5. Tiddikjara xjolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, tillikwida l-istess komunjoni u tassenja lill-partijiet dawk il-porzjonijiet li jisthoqqilhom skond il-ligi;

Bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur, il-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta illi fiha eccepiet:-

Illi t-talbiet attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt stante li ghalkemm hemm ragunijiet validi li skond il-ligi jaghtu lok ghal separazzjoni personali dawn kienu unikament attribwibbli ghall-istess attur;

Illi kellha ssir referenza ghal kawza fl-ismijiet inversi precitata mill-attur fejn l-eccipjenti pprocediet b'kawza ta' separazzjoni personali minhabba n-nuqqasijiet serji ta' l-istess attur;

Ghamlet ukoll riserva ghall eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat id-Digriet moghti minn din il-Qorti diversament preseduta fid-9 ta' Gunju 1994 fejn

gie ordnat li l-kawza odjerna tinstemgha kontestwalment ma' l-imsemmija kawza l-ohra fl-ismijiet inversi bin-numru 82/94 u l-Verbal li jindika li l-provi li jingabru f'kawza wahda jkunu applikabbli u jaghmlu stat anke ghall-kawza l-ohra;

Rat l-atti kollha tal-process;

Semghet lid-difensuri;

Ikkonsidrat:-

Illi l-attur f'din il-kawza pprezenta citazzjoni biex il-Qorti tiddikjara separazzjoni personali bejnu u martu u dan minhabba htijiet imputabbli lill-konvenuta; ghamel ukoll talba ghall-applikazzjoni ta' l-Artikoli allura 51 u 52 tal-Kodici Civili kontra l-konvenuta; u talab il-provvedimenti opportuni rigward il-kura u l-kustodja ta' binthom minuri Marie Adrienne u talab dikjarazzjoni ta' xjoljiment u divizjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti;

Illi minn naha taghha l-konvenuta eccepiet li t-talbiet kienu nfondati u li t-tort ta' separazzjoni kien biss l-istess attur odjern; ghamlet referenza ghall-kawza l-ohra fl-ismijiet inversi imsemmija;

Illi rrizulta li f'din il-kawza ma tressqux provi peress illi dak kollu li kellu jigi sottomess sar

fil-kawza l-ohra li kienet prezentata ftit xhur qabel dina l-kawza;

Illi l-imsemmija kawza fl-ismijiet inversi u li fiha tressqu il-provi kollha tal-kontendenti sejra tigi deciza llum stess u ghalhekk il-Qorti taghmel ampja referenza ghall-osservazzjonijiet tad-decizjoni taghha moghtija fl-istess kawza u peress illi ma hemmx izjed xi zzid mal-kontenut ta' l-imsemmija sentenza fl-ismijiet inversi u stante li t-talbiet kollha tal-kawza odjerna huma inkluzi fit-talbiet maghmula fil-kawza l-ohra u li gew decizi llum stess;

Il-Qorti, fid-dawl ta’ l-istess konsiderazzjonijiet maghmula fil-kawza l-ohra imsemmija; tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-Ewwel Domanda u tiddikjara s-separazjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-partijiet konjugi Zerafa b'dan pero` li r-ragunijiet huma imputabbli liz-zewg kontendenti;

Tilqa' t-Tieni Domanda kif dedotta fic-citazzjoni;

Tilqa' t-Tielet Domanda sa fejn applikabbli kontra z-zewg partijiet u tiddikjara li l-partijiet tilfu d-drittijiet successorji reciproci taghhom;

Tiddeciedi r-Raba' Domanda billi takkorda l-kura u l-kustodja tal-minuri f'idejn il-konvenuta b'dan li l-attur ikollu access ghall-imsemmija minuri Marie Adrienne darbtejn fil-gimgha; kull nhar ta’

Erbgha imur wahdu jigbor lill-minuri mill-iskola meta tispicca u jirritornaha ghand il-konvenuta fis-sebgha ta' filghaxija (7:00 p.m.); ghaz-zmien tal-vaganzi ghandu jehodha fit-tlieta u nofs (3:30 p.m.) u jirritornaha fit-tmienja ta' filghaxija (8:00 p.m.); ikollu wkoll access ghall-minuri kull nhar ta' Sibt jew Hadd alternattivament mid-disgha ta' filghodu (9:00 a.m.) sat-tmienja ta' filghaxija (8:00 p.m.) fiz-zmien tal-vaganzi jew sas-sebgha ta' filghaxija (7:00 p.m.) fi zmien ta' l-iskola – it-tifla ghandha tittiehed u terga' tigi ritornata mid-dar tal-konvenuta jew minn xi post iehor li l-partijiet jiftehmu dwaru permezz tal-legali taghhom, u f'kaz li dan il-ftehim ma jintlahaqx il-post ghandu jkun il-Kunvent tas-Sorijiet tas-Sagramentini;

Tilqa' l-Hames Domanda u tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tillikwidaha u tiddividiha billi tassenja lil kull parti il-beni u l-flus kollha li prezentement jinsabu f'idejhom, b'dan li l-konvenuta qed tigi kundannata thallas lill-attur per saldu ta' sehmu s-somma ta' tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm350) in ekwiparazzjoni ta' din id-divizjoni.

L-ispejjez jithallsu bin-nofs bejn il-kontendenti.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur